# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. DOTTOR JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.

Appell Nru. 46/2002

Il-Pulizija

(Spettur A. Mallia)

Vs.

Francis Grima

Seduta tal-Hamis 27 ta' Gunju, 2002

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali :

1) Talli f'Bormla fis-17 ta' Dicembru, 2000 ghall-habta tas-2.00 p.m. minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' Emmanuel Fenech minn Bormla f'periklu car hebb ghall-istess Emmanuel Fenech u kkagunalu griehi ta' natura gravi per durata skond ma ccertifika Dr. F. Darmanin ta' l-Isptar San Luqa bi ksur tal-Art. 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) Talli fl-istess cirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied bi ksur tal-Art. 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) Talli fl-istess data, lok u hin hedded u offenda lill-istess Emmanuel Fenech bi ksur tal-Art. 339E u 252 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta' Emmanuel Fenech u tal-familja tieghu.

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-19 ta' Frar, 2002, li biha wara li irreteniet li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-akkuza, iddikjarat li ma sabitx lill-appellanti hati tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u kwindi illiberatu mill-istess akkuza. Sabitu hati tal-ewwel u tat-tieni (2) imputazzjoni izda dwar l-akkuza tal-ferita gravi bl-attenwanti lu hu eccedda l-limiti mposti mill-bzonn attwali tac-cirkostanzi. Rat l-Artikoli 218 (1) (b), 227 (d), 230 (d), 233 (1) (a), u 338 (dd) tal-Kodici Kriminali. Rat il-fedina penali netta ta' l-appellant u minflok piena karcerarja ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hames mitt liri Maltin (LM500). Inoltre rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali u rabtet lill-appellant ghal perjodu ta' sena li ma jkellimx jew jimmolesta lil Emmanuel Fenech u l-familja tieghu taht penali ta' mitt lira Maltin (LM100).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Frar, 2002 fejn bih talab li din il-Qorti jogghobha tvarja s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermha fejn sabitu mhux hati tat-tielet akkuza, tirrevokaha fejn sabitu hati tal-ewwel akkuza bl-attenwanti li huwa ecceda l-limiti imposti mill-bzonn attwali tac-cirkostanzi u tat-tieni akkuza u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni jew htija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti u cioe' li l-ewwel Qorti ragonevolment u legalment ma setghetx tasal ghall-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom u dana ghaliex mill-provi jirrizulta illi kien Fenech illi b'atti diretti u univoci hebb ghall-persuna ta' l-appellant u kien biss ghalhekk li hu irrejagixxa billi ddefenda ruhu kif jirrizulta mix-xhieda ta' PS 91 Michael Buttigieg , u PC 529 Saviour

Zerafa li kienu prezenti waqt l-incident u li mix-xhieda ta' Emmanuel Fenech johorgu numru ta' inkonsistenzi u dan mhux korroborat mill-Pulizija li kienu prezenti . Illi l-ewwel Qorti ma emmnitx lill-Fenech fl-allegazzjoni li kien ghamel dwar theddid da parti tal-appellant u di fatti illiberat lill-appellant minn din l-akkuza. Illi l-appellant kien gustifikat fir-rejazzjoni tieghu u ghalhekk eghmilu jinkwadra ruhu perfettament fl-ambitu tal-legittima difeza skond l-art. 233 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta . Inoltre il-fedina penali netta tal-appellant hi konferma tal-karattru docli u kalm tieghu . Illi l-appellant ma kellux jinstab hati ta' ksur tal-buon ordni u paci pubblika stante li ma kienx hu li ikkaguna l-incident .

Rat il-verbal registrat mill-Qorti fis-seduta tat-18 t'April, 2002, fejn il-Qorti ikkonstat "de visu" illi Emmanuel Fenech qed isofri minn cikkatrici ta' tul ta' xi pulzier fuq il-gewwieni tax-xoffa t'isfel fin-nofs li ma tidhirx minn barra . Inoltre ghandu kiloid fuq ix-xoffa fin-nofs u sinjal ta' sutura twila xi centimetru u nofs bejn il-gemb tax-xoffa u l-geddum u dana sena u erba xhur wara li sehh l-incident in kwistjoni .

Semghet it-trattazzjoni ,

ikkonsidrat ;

Illi kif ripetutament gie ritenut minn din il-Qorti kif u diversament preseduta, din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-ewwel Qorti fuq il-fatti dment li dik il-konkluzzjoni ma tkunx wahda "unsafe and unsatisfactory" u cioe' li fuq l-bazi tal-provi li jkunu irrizultaw quddiem l-ewwel Qorti u li jkunu gew traskritti , dik il-Qorti qatt ma tkun setghet waslet ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Din il-Qorti mhux l-funzjoni taghha li tissostitwixxi l-apprezzament taghha ghal dak tal-ewwel Qorti u anki jekk ma taqbilx mieghu , dan ma jfissirx li ghandha tibdel dak li jkun gie deciz mill-Qorti li semghet il-kaz u kienet semghet ix-xhieda "viva voce" u ghalhekk f'pozizzjoni ahjar li taghmel l-apprezzament taghha haj tal-provi rizultanti quddiemha.

Illi fil-kaz in ezami l-appellant instab hati ta' ferita gravi konsistenti fi sfregju fuq il-persuna ta' Emmanuel Fenech u ta'ksur tal-buon ordni u invece gie liberat mill-akkuza tat-theddid u li offenda lill-istess Fenech

Illi mill-ezami tal-provi jirrizulta is-segwenti . Fl-istqarrija tieghu l-appellant stqarr "inter alia" li "Emmanuel Fenech gie jhebb ghalija u jien iddefendejt ruhi." ... "Tajtu daqqiet ta' ponn f'halqu u geddumu."…. "Ma niftakarx izda tajtux iktar minn wahda , tnejn jew tlieta biex niddefendi ruhi ." Wara l-argument kien ukoll qal lil Fenech : ""Ara tmissli xi karozza minnhom ghax wiccek infarrakulek."

P.S. 91 Michael Buttigieg xehed li hu l-Pulizija kienu marru biex jikkontrollaw u jikkalmaw glieda bejn il-familji tal-appellant u ta' Fenech . F'hin minnhom "Fenech mar ghas-Sur Grima fuq diskors li beda jinghid u gew fl-idejn hemm hekk . Jien u l-kollega tieghi fraqnihom ghax dawn kienu imqabbdin u gbarnihom minn gol-art u hrigt l-akkuzi kollha." Grima kellu "xi grif go wiccu." Fenech kellu "xi dmija go wiccu." Fil-kontro-ezami is-Surgent qal : "Is-Sur Fenech resaq fuq is-Sur Grima u dak ma kellux alternattiva li qed jiddefendi lilu innifsu , gew f'kunflitt." Resaq "ghall-glied" . Kien hemm ghajjat "miz-zewg nahat."

P.C. 529 Saviour Zerafa xehed li wara li huma kienu ikkalmaw is-sitwazzjoni bejn iz-zewg familji u kif kienu sejrin , "hareg Emmanuel Fenech , is-sitwazzjoni kienet ikkalmat u kollox , hareg Emmanuel Fenech minn daru u mar ghall-Francis Grima u kellna nergghu nintervjenu jiena u s-surgent ... rajt lill-Emmanual Fenech izomm halqu u qalli "Ara x'ghandi , ara x'ghandi." pero' ma nafx xi gralu. Ma nistax nghid xi gralu." Is-sitwazzjoni kienet ikkalmat ghal kollox u "hareg Emmanuel Fenech mill-fond tieghu , qabdu jillitigaw bejnithom u Emmanuel Fenech mar fuq Francis Grima , qabez fuq Francis Grima u ahna intervjenejna mill-ewwel jiena u s-Surgent." Francis Grima "ingibed naqra lura" " pero' kienet haga ta' ftit sekondi igifieri b'hekk intervjenejna mill-ewwel ahna."

Emmanuel Fenech xehed li ftit qabel l-incident l-appellant kien heddu li joqtlu . Hu kien mexa zewg

passi lejh u qallu "Ghaliex triq toqtolni ?"…. "Ghamiltlu wahda hekk b'subghajja u qabad jaghtini ." Hu kien kemm, kemm missu lill-appellant umbaghad kien hemm l-ilma, zelaq u l-appellant gidmu u qatalu bicca (minn xofftu) barra u ghamlulu operazzjoni . L-appellant kien imbuttah tah black eye u meta lilu zammewh il-Pulizija minn idejh, l-appellant qabadlu rasu u qaccatlu "hawnhekk barra" u ghad-domanda tal-Qorti : "Jigifieri gidimlek xufftejk?" , Fenech irrisponda "Qaccatli hawn barra . Ghamluli operazzjoni .. lanqas sabu il-bicca biex jghaqqduha bil-ponti , ppruvat issibha it-tifla tieghi imma ma sabithiex u ghandi l-isbah sena biex jitlghali il-line ta' barra , barra ta' gewwa" u lanqas seta' jiekol sew . Hu ma xejjirx bil-ponn lill-appellant .

Carmen Fenech mart il-vittma tat dettalji ta' dak li rat u "inter alia" qalet li iggieldu , l-appellant haseb li zewgha kien ser jaqbad jatih imma mhux vera tah ghax lanqas missu . Anzi kien l-appellant li qabad isawwat lil zewgha u ghamillu rasu taht il-bankina u qallu "Qabel noqtlok tlitt darbiet ma nistriehx." . Zewgha beda jaqla', kollu dmija. Il-Pulizija zammew lill-appellant umbaghad zewgha waqa' fl-ilma u dahal bid-dmija. Kien qalilha "Gidimni ta Carmen." u hi staqsietu :"Fejn gidmek? Halli nara ' l hawn , maqtugha ." u qaltlu : "Fejn hi xofftok?" u zewgha qalilha "Nahseb kielhieli." Zewgha la kien mexa lejn l-appellant u lanqas missu. Kien l-appellant li neza' l-karkur u mar ikkargat ghalih. Zewgha kien taht meta qabdu f'xulxin

It-tabib Dr. Joseph Briffa xehed li Fenech kellu ferita fix-xoffa t'isfel u kellu parti mix-xoffa, cioe' it-terz tax-xoffa li kienet nieqsa u dan kien jirrikjedi li joperah taht anestesija generali fit-18 ta' Dicembru u l-punti tnehhewlu fit-22 ta' Dicembru, 2000. Il-ferita kienet gravi mhux inhabba it-tul ta' zmien biex fieqet imma ghax hallietlu "scar" permanenti f' wiccu w ghandu sfregju.

Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti l-appellant , referibbilment ghall-parti tal-incident li fih gie ferut Fenech, qal li x' hin kienu sejrin il-Pulizija, Fenech f'daqqa wahda mar ihebb ghalih , xejjer daqqa ta' ponn , l-appellant tbaxxielu ghax kieku kien jiehdu go wiccu u allura hu beda ixejjer bil-ponn biex jiddefendi ruhu . Hu kien hass hruq ma wiccu u ma ghonqu skond ma qaltlu martu u mar il-clinic ta' Rahal Gdid biex igib certifikat kif qalulu l-Pulizija.

Fl-ahhar nett mart l-appellant , Margaret Grima, dwar l-incident tas-swat xehdet li f' certu hin il-Pulizija kienu ser jirkbu u hareg jigri Fenech u mar fuq zewgha l-appellant , attakkah , qabdu minn rasu u minn ghonqu . Il-Pulizija ferrquhom ghax sekondi kien hemm . Umbaghad marru jaghmlu certifikat Rahal Gdid. L-appellant kien iddefenda ruhu kif seta' .

Illi wara li ivvalutat dawn ix-xiehda kollha , l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-appellant kien hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u cioe tal-akkuza li ikkaguna ferita ta' natura gravi u storbju , pero ' b'dan li kien agixxa biex jiddefendi ruhu izda ecceda fil-limiti imposti fil-kaz ta' legittima difeza u dawk imposti mill-bzonn attwali tac-cirkostanzi.

Illi hu risaput li biex tirmexxi pjenament l-eccezzjoni tal-"legittima difesa" jinhtieg li jikkonkorru flimkien certi elementi , sejatament li jkun hemm attakk jew agressjoni , li dan l-attakk ikun sar f'daqqa u jkun gravi u ingust , u ukoll li l-perikolu ikun inevitabbli u li l-agent ma jkollux mezz iehor hlief dak li jkun uza biex jirrespingi l-attakk . Fuq kollox umbaghad ikun hemm bzonn li bejn l-azzjoni (l-attakk) u r-rejazzjoni ta' dak li jkun ikun hemm il-proporzjonalita' .

Illi l-ewwel Qorti jidher li strahet fuq il-versjoni tal-appellant li veru kien hemm bidu ta' attakk fuq l-appellant minn Emmanuel Fenech u li l-appellant ghamel dak li ghamel biex jiddefendi ruhu , pero' meta qieset kollox ma kollox , hasset li ma kienx hemm proporzjon bejn l-attakk u r-rezistenza li umbaghad ghamel l-appellant .

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti kien wiehed legittimu fic-cirkostanzi u din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturbah . Meta l-appellant kellu vicin tieghu ferm zewg membri tal-Korp tal-Pulizija, seta' facilment warrab u inheba warajhom ghall-protezzjoni u jipprova

jevita l-incident , anki jekk dan inbeda meta resaq lejh Fenech u ghalhekk l-iskontru bejn Fenech u l-appellant seta' anki gie evitat . Umbaghad , anki jekk dan ma kienx possibbli , zgur li l-appellant ma kellux ghalfejn jigdem xofftejn Fenech biex jirrespingi xi "via di fatto" jew tentattiv ta' aggressjoni li kienet gejja minn Fenech, meta kellu l-ghajnuna u l-wens tal-Pulizija tant vicin . Ghalhekk l-ewwel Qorti ghalkemm tatu il-beneficcju kollu tad-dubju meta qalet li kien qed jagixxi fid-difiza tieghu u accettat dan bhala attenwanti ghall-agir tieghu , kienet altru milli gustifikata li - fuq il-bazi tal-fatti li rrizultawlha - ukoll tirritjeni li kien hemm nuqqas ta' proporzjon bejn l-azzjoni ta' Fenech u r-rejazzjoni tal-appellant . Din il-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti kienet perfettament "safe and satisfactory" fuq il-bazi tar-rizultanzi processwali .

Illi ghalhekk l-imputazzjonijiet li sabitu hati taghhom l-ewwel Qorti jirrizultaw bla dubju ta' xejn , b'dana li il-kontravvenzjoni tal-istrorbu u ksur tal-buon ordni tkun assorbita fl-akkuza tal-ferita gravi minhabba sfregju . Li jezisti dan l-isfregju gie konstatat minn din il-Qorti u dan indubbjamnent jirrizulta.

Illi ghalhekk l-appell dwar il-mertu ghandu jigi respint.

Illi dwar il-piena, jidher li l-ewwel Qorti applikat piena li hija inqas minn dik minima preskritta mill-ligi li tvarja bejn massimu ta' tlitt snin u minimu ta' tlitt xhur prigunerija . Minnflok , prezumibbilment bl-applikazzjoni tal-art. 21 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta , ghax dan ma jissemmiex fis-sentenza appellata, applikat piena pekunjarja minn flok dik karcerarja li tippreskrivi il-Ligi f'kaz bhal dan , dan s'intendi b'beneficcju ghall-appellant . Din il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha tvarja din il-piena, li , fic-cirkostanzi , hija wahda li tivvantaggja lill-appellant, pero' thoss li ghandha tirrakkomanda li meta Qorti tinzel taht il-minimu tal-piena preskritt mill-ligi, dan ghandu jissemma espressament fis-sentenza u ghandhom jissemmew ukoll ir-ragunijiet specjali u straordinarji li jkunu wasslu lill-ewwel Qorti biex taghmel dan , kif del resto jippreskrivi l-art. 21 tal-Kap.9 .

Ghalhekk l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.

(ft) J. G. Galea Debono
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
27.06.02